MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 263/2013

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnax (12) ta' Dicembru, tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) u sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, tas-sena elf disa' mija u disghin (1990), vide Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg twieled KB;

3. Illi m’hemmx kwistjonijiet pendenti fuq ebda tip ta’ manteniment b’mod partikolari lejn il-minuri KB;
4. Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal aktar minn erbgha snin u dan kif jixhdu l-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-konjugi Farrugia li sar fis-sena 1990;
5. Illi m’hemm l-ebda cans ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-esponenti tixtieq ittemm iz-zwieg taghha minn ma l-intimat Raymond;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet kif kontrattat nhar l-14 ta’ Awissu, 1999, ossija tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, u dan ai termini ta’ l-Artiklu 66 D tal-Kodici Civili nostran;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Mejju, 2013;

Rat illi fis-seduta tas-26 ta’ Gunju 2013 l-avukat difensur tal-intimat iddikjara illi l-intimat ma ghadu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet illi jinsabu fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ Dicembru 1990 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------